# LIL MALTA

Iżda daqsek lil ħadd. Inħobb fis-sewwa
lill-ġara tagħna, l-omm tal-poeżija;
lil-lsien tagħha li jdoqq mimli bil-ħlewwa,
u 'l ġensha ħili, bieżel, alenija;

Inħobb iżjed lill-oħra, l-lum ta' ġewwa,
li għandha fehma daqs l-azzar qawwija,
li taf tirbaħ u taħfer lill-egħdewwa,
sultana ta' qalb kbira u omm għaqlija :

iżda daqsek lil ħadd, o Malta tiegħi,
għax int biss ommi, inti tajtni l-isem,
u għadmek għadmi u demmek jiġri miegħi.

Daqsek lil ħadd; għaliex jekk inti żgħira,
setgħetek huma kbar fir-ruħ u l-ġisem,
u ġmielek sa fil-kbar nissel il-għira.

Dun Karm